MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Numru 881/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Farrugia)

vs

Tyrone Dyer
Bartholomeo sive Albert Gauci
Joseph Frendo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Tyrone Dyer, Bartholomeo sive Albert Gauci u Joseph Frendo detenturi ta’ karti ta’ identita’ numru 0452451M, 446972M u 248974M rispettivament, akkuzati talli nhar it-8 ta’ Settembru, 2004 u fix-xhur ta’ qabel, bhala propjetarju/i u/jew amministratur/i u/jew direttur/i u/jew provdew biex issir xoghol/ u / jew ghamlu xoghol fir-residenza Verdolina, numru 1, Triq Sir W. Scott, Naxxar u f’inhawi ohra f’dawn

il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnhom b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti;

1. kellhom fil-propjeta' taht kontroll taghhom sors t'ilma tal-pjan u/jew ghamlu thaffir u/jew xort'ohra kisbu access ghall-istess sors minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorita' kompetenti jew xort'ohra naqsu jaghrrfu lill-awtorita' kompetenti li kellhom tali sors.
2. wettqu xi attivita' jew operazzjoni, jew konti ingaggati f'xi attivita' jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta' l-energija, l-ilma u l-minerali meta ma kellhomx licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi (M.R.A.).
3. lil Bartholomeo sive Albert Gauci wahdu akkuzat wkoll talli b'sentenza tat-13 ta' Lulju, 2005 preseduta mill-Mag. Dr Silvio Demicoli LL.D. sar recidiv liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputati jinsabu akkuzati bi ksur tal-Artikoli 3, 4, 8 tal-Avviz Legali 120/1997 u l-Artikolu 26(1)(2) tal-Kap 423. L-imputat Bartholomeo Gauci hu inoltre akkuzat li hu recidiv.

Mill-provi jirrizulta li l-imputati kienu qeghdin jhaffru "borehole" minghajr d-debita awtorizzazjoni.

Mhux biss izda l-imputati fl-udjenza tal-lum stess ghazlu li jirregistraw ammissjoni li insistew fuqha anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Fuq l-skorta wkoll ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata l-Qorti qeghdha tiddikjara l-imputati hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u fil-konfront tal-

imputat Bartholomeo Gauci qeghdha issibu hati li hu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9.

Ghalhekk u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi fuq citati qeghdha tikkundanna l-imputati kif hawn taht:

- l-imputat Tyrone Dyer ghal Lm100 multa u li jaghlaq il-“borehole” zmien xahar li jircievi istruzzjonijiet ta’ kif ghandha tinghalaq mill-Awtorita’ ta’ Risorsi ta’ Malta taht penali ta’ Lm25 kuljum fin-nuqqas u bl-obbligu li jesebixxi f’dawn l-Atti certifikat tal-Perit Arkitett inkarigat minnu li jiccertifika li x-xoghol ikun sar skond dawk l-istruzzjonijiet;
- lill-imputat Joseph Frendo ghal multa ta’ Lm150.
- lill-imputat Bartholomeo Gauci stante r-recidiva ghall-multa ta’ Lm300.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------